



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2089(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni
Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2013
(2014/2089(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jqisu li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), jippreżentaw fedelment, f'kull aspett sinifikanti tagħhom, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012, kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus għas-sena finanzjarja li ntemmet f'dik id-data, u jispeċifikaw barra minn hekk li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-FRA għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari f'kull aspett sinifikanti tagħhom;
2. josserva li jekk l-ammonti tal-appropriazzjonijiet impenjati riportati għall-2014 għat- Titoli II (nefqa amministrattiva) u III (nefqa operattiva) jkunu għoljin, dan huwa dovut partikolarment, dwar it-Titolu III, għall-karattru pluriennali tal-proġetti operattivi tal-aġenzija;
3. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-FRA, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom din tkun użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha.